**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Frar 2020.**

**Rik Gur : 79/2019 AGV**

**AB (309357M)**
**Vs**
**CB (848952M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici ipprezentat fit- 30 ta' Ottubru 2019 fejn esponiet;

1. Illi permezz tar-rikors odjern qed titlob rispettosament lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti, bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi jinghad fl-ewwel lok li fir-risposua tal-intimat ma tressqet l-ebda opposizzjoni ghal-likwidiazzjoni u xoljment tal-komunjoni tal-akkwisti;
3. Ill l-artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta, precitat jistipula li qabel jigi ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-konjugi, il-Qorti ghandha tqis jekk

xi parti tkunx sejra  tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.

4. Illi fil-fehma umli tal-esponenti , il-waqfien tal-komunjoni qabel tigi biex tkun deciza dil-kawza, ma ghandu jwassal ghal ebda pregudizzju mhux proporzjonat.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-paritjiet kontendenti li ikkontemplat skont l-artikolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tordna li s-sentenza relattivia tigi notifkata lid-direttur tar-Registru Pubbliku b' dawk il-provvedimenti kollha li dil-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

U dan taht kwalsiasi provvedimenti li lilha jidhrilha xieraq u opportuni.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' CB (848952M) tat- 13 ta' Novembru 2019 fejn espona bir-rispett;**

1. Illi din l-Onorabbli Qorti  zgur ma ghandha bzonn l-ebda htiega u bzonn lil had biex joghqod ifissrilha l-implikazzjonijiet tal-artiklu 55 u it-tmien sub artikolu li qeghdin mal-artikolu 55 tal-Kap.  16 tal-Ligijiet ta' Malta, u partikolarment il-KODICI CIVILI, f' dik ir-refernza li tindika x' isir meta tieqaf l-komunjoni tal-akkwisti u l-komunjoni l-ohra taht amministrazzjoni separata.
2. Illi bhas-soltu AB bhal ma ghamlet dejjem fid-diversi udjenzi, illi kien hemm quddiem dina l-Onrabbli Qorti, illi sehhew  fis- 6 ta' Gunju 2019, fl- 10 ta' Lulju 2019, u fit- 30 ta' Lulju 2019, jigiferi sahansitra dina l-

Onorabbli Qorti kkoncediet tlett udjenzi fl-istess xahar, imbaghad udjenza ohra ghal- 25 ta' Settembru 2019 ,u dik indikata f' jum l-Erbgha 30 ta' Ottubru 2019 u ohra assenjata ghas- 6 ta' Dicembru 2019 mal-assistant gudizzajru Dr. Barbara O' Brien fil-hdax u nofs ta' fil-ghodu,apparti mid-differiment li jmiss fil- 11 ta' Dicembru 2019, dawn kollha b' kollox tmien udjenzi, li jekk taghasarhom tara r-rieda tajba tal-ntimat Joseph Bartolo, biex il-partijiet jaslu ghal ftehim ghal firda legali konsenswali, u l-qerq u l-ingann tar-rikorrenti, AB, li qed taghmilha cara li hija li kellha l-privilegg li tizzewweg lil-intimat CB minghajr ma litterarment ma kellha xejn li hu taghha, hlief l- anatomija taghha, wara illi zewgha, l-intimat CB, iddedika dawk l-erbghin sena ta' zwieg maghha b' sagrificcju kontinwu biex gieli kellu anka tlett impjegi fl-istess waqt u nvesta u xtara l-prropjeta' u biegh, biex b' hekk illum il-Qorti ghandha lista shiha tal-propjeta' immobiljari li l-familja ta' B, ghal grazzja ta' Alla, akkwistat, u dan apparti propjetajiet immobiljari ohrajn illi bil-hidma tal-intimat CB ,setghu jirregolaw liz-zewg uliedhom, tifla u tfiel, li llum ghandhom l-eta' taghhom, u fejn it-tifla li hija professjonista fil-Psikologija, izzewget darbtejn ,waqt lit-tifel li ghadu guvni, pero' ghandu l-kumditajiet bazici kollha grazzi ghall-hidma bla waqfien ta' missieru CB.

3. Illi l-wicc tost tar-rikorrenti attrici, AB lahaq il-quccata tieghu meta din ppruvat tinganna lil zewgha u urietu li hi kienet lesta taccetta l-firda legali konsenswali basta dan ihallieha tiehu mitejn elf Ewro, u hija kienet tkun lesta li tiffirmalu l-kuntratt tal-firda legali konsenswali.
4. Illi CB emmen lil martu anka jekk kellu certu suspett, u ghadda dawn il-mitejn elf Ewro lil martu u malli ghamel dan, il-mara tieghu qaltlu li hija ma kienetx sodisfatta b' dak l-ammont, u mhux talli ma ffirmatlux il-kuntratt tal-firda legali konsenwali, imma talli ghamiltlu u ppruvat taghmillu mandat ta' sekwestru ghal miljun u erba' mitt elf. Grazzi ghall-Imhallef Anhtony Ellul, li ezamina dit-talba vera baxxa specjalment wara

li AB kienet ghadha kemm rcevit is-somma ta' mitejn elf Ewro kontanti f' idejha, wara li l-Imhallef Anthony Ellul, ezamina din it-talba ghal hrug tal-mandat ta' sekwestru , huwa effetivament naqqas it-talba minn miljun u erba' mitt Elf Ewro ghal mitejn u tmien elf Ewro. Dal-mandat ta' sekwestru li hareg u ghadu vigenti, bil- konsegwenza ta' tbatija u umiljazzjoni kbira ghall-intimat konvenut CB.

5. Illi dina l-Qorti tifhem kif verbalment u ripetutivament l-intimat ta' struzzjonijiet lil abbli Avukat tieghu Dr Emmy Bezzina biex jigbed l-attenzjoni ghal dal-fatt lil Qorti, illi l-ewwel u qabel kollox jitnehha dan il-mandat ta' sekwestru, l-intimat ma kienx ppreparat illi jaghmel jew jemmen b' xi mod lil martu AB , biex issir firda legali konsenswali, u fit-tieni lok naturalment ma huwiex sejjer jaccetta li it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti a bazi tal-artikolu 55 tal-Kodici Civili b' xi mod issehh.
6. Il-Qorti taf bizzejjed u tghallimna dwar l-implikazzjonijiet ta' artiklu 55 meta issir din it-talba, jew l-ohra mil-mizzewwgin fuq il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u l-komunjoni l-ohra taht amministrazzjoni separata, u tista' tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewwgin.
7. Illi bl-ikbar umilta' tal-intimat jigbed l-attenzjoni ukoll, ghas-sub artikolu (2) tal-artikolu 55 fejn hemm indikat li l-ordni ghall-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-sub artikolu (1) ghandna tinghata b' sentenza li minnha kull parti jkollu l-jedd li tappella minghajr ma jkun hemm ebda htiega ta' permess tal-Qorti, ghal dan.
8. Illi l-intimat CB, propju ikun kostrett li jappella fl-eventwalita' li jigi implimentat is-sub artikolu (1) tal-artikolu 55 billi anka fir-rikors ta' martu tat- 30 ta' Ottubru 2019, jidher car il-qerq ta' AB, ' il ghaliex tghid fit-tieni paragrafu taghha tat- 30 ta' Ottubru 2019, illi ma ressaq ebda

oppsizzjoni ghal likwidazzjoni u xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b' qerq sfaccat da parti tar-rikorrenti attrici, illi apparti li mhux minnu li CB ghamel jew ma ghamilx dak indikat fit-tieni paragrafu tar-rikors ta' AB xorta wahda jibqa' il-fatt tas-sub artikolu (2) tal-artikolu 55, billi da parti tieghu CB qed jopponi ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, ezistenti bejn il-partijiet, kif ikkontemplat skont l-artikolu 55 (1) tal-Ligjiet ta' Malta, Kapitolu 16 tal-istess Ligijiet, ossija Kodici Civili.

9. Illi dil-Qorti tapprezza kif diga' ghandha ddokumentat fl-atti processwali, ta' dina l-kawzza, id-dokumenti sottomessi mill-partijiet konjugi Bartolo, apparti mill-udjenza u mis-seduta ta' quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Barbara O' Brien fis- 6 ta' Dicembru 2014, fil-hdax u nofs ta' fil-ghodu, fejn il-partijiet sejrin ukoll jpprezentaw listi ta' propjetajiet immobiljari, il-valur taghhom minn diversi agenti li jistmaw il-propjetajiet immobiljari, id-dhul taz-zewg kirjiet li hemm, billi bl-agir tar-rikorrent AB, anka jekk dal-kirjiet issa sejrin jispiccaw ghaliex l-intimat assolutament ma jista' jaghmel xejn jekk ma jisbx tfixkil bla sens u totalment illogiku, imma purament vendikattiv bl-ebusija tar-ras biex bir-ripspett kollu ma nghidux ukoll bl-jnjornza tal-istess rikorrenti attrici, illi dad-dhul mill-istess kirjiet sejjer jispicca ukoll ghax isir f' att pubbliku li l-konjugi B ghaddejjin f' inkwiet matrimonjali u jinsabu fi proceduri legali quddiem il-Qorti, u tfixkil tar-rikorrenti attrici qed iwassal biex propju hadd ma jkun irid jibqa' jikri dal-propjetajiet.

10. Illi dina l-Qorti mela taf b' dal-propjetajiet immobiljari li apparti mir-residenza tal-Birguma, fejn fiha allura sostanzjali inkluz garaxx seperata imma li jista' jitqies jifforma parti minn din ir-residenza matrimonjali, dawn il-propjetajiet immobiljari jammontaw ghal aktar minn miljun u nofs, kwazi zewg miljuni ta' Ewro, u dan ifisser li sakemm ikun hemm qasma ta' dal-propejtajiet immobiljari u kif ser jigu kkontrollati l-kirjiet,

ma jistax ikun hemm terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ‘ il ghaliex l-intimat, jigi serjament pregudikat.

11. Illi l-Qorti taf u tapprezza li l-propjetajiet immobiljari apparti mis-sbuhija li wiehed jimmagina kemm ghandi valur f’ bini ta’ flus investiti, hemm in-naha tal-ispejjez biex izomm fi stat tajjeb ta’ manutenzoni il-propjetajiet immobiljari, il-manutenzjoni kontinwa li trid issir fil-postijiet li jkunu mikrijja fejn l-inkwilini, li jkunu qed ihallsu l- kera fix-xahar, il-hin kollu jitolbu ghal das-servizz jew biex tigi rrangata jew mmodifkata xi struttura fir-residenza mikrijja u dan sa issa dejjem b’ pacenzja u b’ sagrificcju kbir, ghamilhom l-intimat CB, filwaqt li AB dejjem tgawdi, u tixtarr u tmaxtar billi tiehu sehemha mil-kirjiet, apparti li l-intimat kien pacenzjuz bizzejjed illi minghajr ma hemm l-ebda gustifikazzjoni legali u fattwali ghal dan kien qed jigi kontinwament umiljat u mrazzan milli jkun jista’ jaghmel xi forma ta’ investiment minhabba dal-mandat ta’ sekwestru hawn aktar ‘ il fuq indikat; dawn diga’ fihom infusuhom huma pregudizzji kbar kif ma hemmx ghalfejn nghidu tifhem l-Onorabbli Qorti, u ghalhekk ir-registaratur ghamel is-sub artikolu (4) tal-artikolu 55 fejn hemm kjarament, indikat li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni u kif provdut f’ dal-artikolu, il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkun sejra tbati pregudizzju ,mhux proporzjonat bil-waqfien tal-istess komunjoni qabel is-sentenza tal-firda. Huwa ovvju, f’ dal-kaz, kieku kellha ssr it-talba tar-rikorrenti, attrici Rita Bartolo, fir-rikors taghha tat- 30 ta’ Ottubru 2019, ibati pregudizzju kbir, l-intimat , CB

12. Lli ghalhekk kienet frivola u vessatorja it-tieni talba ta’ AB li dil-Qorti tordna li s-sentenza relattiva, tigi notifikata lid-direttur tar-registru Pubbliku b’ dawk il-provvedimenti kollha li dil-Qorti jidrilha xierqa u opportuni u dan taht kwalsiasi provvediment li lilha jidhrila xieraq u opportun, u dan billi l-intimat qed jaghmilha cara li huwa sejjer jopponi

ghal terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisiti, u hawn jerga' jaghmel referenza ghal sub artikolu (2) tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili.

13. Illi f' dal-istadju jaghmel refenza ukoll ghal sub artikolu (3) tal-artikolu 55 u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad bl-aktar mod kategoriku u enfatiku l-ewwel talba tar-rikorrenti attrici fir-rikors taghha tat-30 ta' Ottubru 2019, u tiddikjaraha bhala frivola u vesstorja bl-ispejjez doppji kontra r-rikorrenti attrici AB, it-tieni talba fir-rikors taghha tat-30 ta' Ottubru 2019.

14. Ill f' dan l-istadju l-intimat CB, llum ghandu 68 sena, qed jirreferi ghad-dokumenti li huwa mehmuz indikat bhala Dok. DAC1 fejn sejjer jaghti stampa deskrittiva fl-inwkadratura tal-artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, is- sub-artikolu (4) fejn il-Ligi tghid illi jekk xi parti thoss li sejra tbati xi pregudizzju mhux proporzjonat. Bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, qabel is-sentenza tal-firda, dan ghandu jingibed ghall-attenzjoni tal-Qorti apparti mil-fatt illi s-sub artikolu (2) tal-artikolu 55 jaghmilha cara li jekk il-Qorti tiddeciedi xorta wahda trid twaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti, ossija titterminaha, il-parti li thossha li giet ingurjata b' did-decizjoni, minghajr ma titlob permess tal-Qorti, ghandha dritt tappella fi zmien ghoxrin gurnata min mindu tinghata s-sentenza jew digriet tal-Qorti. Hawnhekk ssir referenza ghad-dokument mehmuz u mmarkat bhala Dok. DAC 1.

15. Illi, f' dal-istadju, wiehed jerga' jirrepeti l-Qorti qed ssirilha referenza ghad-dikjarazzjoni guramentata mehmzuha ma 'dad-dokument u ndikat bhala Dok DAC 1 fejn l-intimat Joseph Bartolo, qed ifisser bl-aktar mod car u kategoiriku ghala fost affarijiet ohrajn, huwa ma jaqbilx illi ghandha tigi terminata l-komunjoni tal-akkwisti u li bir-rispett kollu lejn dil-Onorabbli Qorti, li l-pariri siewja taghha biex dawn il-proceduri ma jittawwlux inutilment u jibqghu jintefqu spejjez li jiena ma niflahx naghmel, imma lil Qorti jkolli nghidilha bil-gurament u bl-aktar onesta,'

hekk Alla jghini, li jekk fl-eventwalita' li l-Qorti thoss, li ghandha tittermina l-komunjoni tal-akkwsiti, minkejja dal-fatt, li jien qed ngib a konjizzjoni ta' dil-Qorti, jien ma jkolli ebda triq ohra, ghajr li effetivment nimplimenta s-sub artikolu (4), kif ukoll subartiklu (3) u anka s-sub artikolu (3) tal-artiklu 55 tal-Kapitolu 16, li fil-qasir ifisser li fit-terminu moghti lili skont il-Ligi, jien nappella mid-decizjoni tal-Qorti, li tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, jew tal-komunjoni tar-residwu that amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewwgin.

**<u>Konkluzjoni :</u>**

Illi ghaldaqstant, kif diga' ghedt iktar ' il fuq iz-zewg talbiet ta' AB kif sottomessi mill-avukat taghha Dr Albert Zerafa ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra AB partikolarment ghal-insinwazzjonijiet illi jien ma ressaqt ebda oppozizzjoni u ghal likwidazzjoni u xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, li ma huwa minnu xejn billi kull ma jrid isir huwa li l-Qorti tara r-risposta guramentata tieghu u d-diversi kontro-talbiet , u anka tanalizza is-seduti kollha li saru quddiem dil-Qorti kif jien fissirt aktar' l fuq f' dir-risposta odjerna, imma apparti minn din l-insinwazzjoni, totalment vojta, it-tieni talba tal-mara hija wahda frivola u vesatorja, ghax din diga' ghamiltha fatta li jien ma kontx ser nwiegeb, li l-Qorti ghandha twaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti u titterminaha, u infatti tablet lill-Qorti, biex tinnotifika lid-direttur tar-registru pubbliku, b' dawk il-provvedimenti li dina l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni. Meta jien qed naghmila cara li bl-ghajnuna ta' Alla, irrid li ssir gustizzja, u ma jidhirlix li b' xi mod akkist jew hallejt lil mara tbati azni din stanghet minn fuq dahri imma lili qieghda mhux biss tipprova tkissirni biex ma nghidx tolqtolni, imma anka waghqet baxx illi taghmel proceduri kriminali fil-konfront tieghi mhux talli ghandha access liberu fid-dar matrimonjali, imma fl-uniku kamra li jien nista'

noqghod fiha, u nhalli l-karti u notamenti privati, anke dik marret taghmel rapport lil-Pulizija, li jenqed nhbilha jew inzommilha jew nipprevevinha milli tidhol fid-dar matrimonjali. Ir-rikorrenti attrici waqghet f' dan il-livell baxx jew ghax mhux qed tifhem x' qed jaghmilha l-avukat taghha, jew inkella a dirittura qieghda komplici biex din il-kantina ta' gideb u insinwazzjonijiet li qed taghmel, issa ghandha titla' f' wicc l-ilma u jien nemmen li l-Qorti taghraf ezatt x' inhu jsri, li din trid il-qirda assoluta tieghi, f' dan il-kaz.

**IKKUNSIDRAT**

Illi bir-rikors odjern, l-attrici qed titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet. Din it-talba tista' ssir fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, u l-effetti taghha huma li mid-data tas-sentenza 'il quddiem, l-istitut tal-komunjoni tal-akkwisti ma jibqax vigenti bejn il-partijiet. Dan ifisser li kull parti tkun tista' tixtri u tbiegh proprjeta' f'isimha minghajr ma din tifforma parti mill-komunjoni. Inoltre, dik il-proprjeta' li tifforma parti mill-komunjoni tibqa' hekk mhux likwidata sad-data tas-sentenza, meta dik il-proprjeta' tinqasam bejn il-partijiet.

Ghalhekk, f'dan l-istadju, huwa l-kompitu tal-Qorti tara jekk tali waqfien hix ser iggib pregudizzju mhux proporzjonat lil dik il-parti li qed toggezzjona ghall-waqfien tal-komunjoni. Fir-risposta dettaljatissima tieghu, il-konvenut spjega *in funditus* x'inhuma r-ragunijiet ghalfejn hu qed jopponi ghall-waqfien tal-komunjoni. Minn dawn ir-ragunijiet kollha, izda, il-Qorti ma tistax tifhem fejn hu l-pregudizzju mhux proporzjonat (enfasi tal-Qorti) li l-konvenut qed jghid li ser isofri. Il-Qorti tifhem li l-konvenut ma jixtieqx li l-komunjoni tigi terminata w eventwalment likwidata, ghax qed jara frott xbinu jispicca fix-xejn, u l-valur tal-komunjoni bhala kollettiv shih jonqos drastikament. Il-Qorti, izda, ma taqbilx ma' dan it-thassib tal-konvenut. Hija verita' – u hasra – li f'kull kawza ta' firda personali, il-partijiet johorgu t-tnejn telliefa, anke fuq livell finanzjarju. It-tnejn

ikunu tilfu s-sahha finanzjarja li kellhom bhala unita' fil-komunjoni, izda ladarba qed issir it-talba ghall-firda personali, wahda mill-konsegwenzi eventwali hija proprju l-likwidazzjoni tal-komunjoni.

F' dan l-istadju, il-komunjoni mhix ser itgi likwidata, izda ser tigi biss terminata, biex fi stadju ulterjuri tinqasam, kif inhu inevitabbli. Ghalhekk, l-argumenti sollevati mill-konvenut, ghalkemm ifissru car il-pregudizzju li hu jista' jsofri bil-waqfien tal-komunjoni, fil-fehma tal-Qorti m'humiex tali li jwasslu ghal xi forma ta' pregudizzju mhux proporzjonat. Ghal-ligi, mhux kull pregudizzju li tista' ssofri parti huwa pregudizzju li jista' jwaqqaf ordni ta' waqfien tal-komunjoni. Irid ikun pregudizzju mhux proporzjonat li, fid-diskrezzjoni tal-Qorti, ikun serju bizzejjed biex tali talba ghal waqfien tigi michuda.

F'dan il-kaz, il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ma weriex ragunijiet sufficjenti biex il-Qorti ma tordnax il-waqfien tal-komunjoni. Kif gia' intqal hawn fuq, l-effetti ta' tali ordni huma biss li l-partijiet jistghu jixtru u jbieghu proprjeta' f'isimhom minghajr l-awtorizzazzjoni tal-parti l-ohra. Il-proprjeta' kollha formanti parti mill-komunjoni tibqa' hekk shiha sal-eventwali likwidazzjoni taghha mas-sentenza finali.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet tal-attrici rikorrenti.

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-paritjiet kontendenti li ikkontemplat skont l-artikolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li s-sentenza relattivia tigi notifkata lid-direttur tar-Registru Pubbliku b’ dawk il-provvedimenti kollha li dil-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Antonio G Vella**
**Imhallef**

**Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**